MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 520/2003

**Giuseppe Mangion**

**vs**

**Mary Bondin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1100) rappresentanti bilanc minn somma akbar mislufa mill-attur lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 2003 kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-23 ta’ April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ elf u mitt lira Maltin (Lm1100).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------